MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 196/2009

**Casapinta Design Group Limited (C-9216)**

**vs**

**Ekaterina Kulek (I.D. 35266A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li permezz tieghu talbet il-hlas ta' tlett mija u tlieta u tmenin Euro u sebgha u disghin centezmu (€383.97) somma dovuta lilha mill-konvenuta rapprezentanti servizzi rezi lill-konvenuta in konessjoni ma '*Lap of Luxury Exhibition, 2008'* liema servizzi gew rezi lilha fuq struzzjonijiet precizi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 6 ta' Jannar, 2009 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura relattiva, u cioe' 9 ta' April, 2008 sal-jum tal-hlas effettiv kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta, ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie prezentat Kapitolu fis-26 ta' Mejju, 2009 mill-Avukat Carlo Bisazza u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenuta naqset li tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------